**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta tat-Tlieta 5 ta' Dicembru 2023**

**<u>Rikors nru: 49/2023 AGV</u>**

**MG**

**Vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**U**

**Id- Direttorat ghall-harsien tat-tfal**

**fi hdan il-fondazzjoni ghas-servizzi socjali**

**ghal kull interess li jistaì jkollu**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors guramentat taì MG , fejn ippremettiet:-**

1. Illi nhar il-hmistax taì Marzu tas-sena elfejn u sbatax (15.03.2017) certu MB welldet lil minuri RJB

2. Illi kontra x-xewqa tal-attur u fuq insistenza tal-istess MB l-istess minuri gie registrat bhala wild taì genitur li mhuwiex maghruf , hekk kif ghandu jindika c-certifikat tat-twelid tieghu sa llum, kopja annessa u mmarkata bhala DOK A.

3. Illi minkejja l-attur u l-familja tieghu qatt ma naqsu lill-minuri mill-bzonnijiet kollha tieghu u fil-fatt kienu prezenza konsistenti fil-hajja tieghu sa mit-twelid tant illi l-attur ipprovda fond taì akkomodazzjoni lill-istess MB u lill-minuri u assista kull fejn kien hemm bzonn mil-lat finanzjarju tul is-snin kollha taì hajjet il-minuri sa issa.

4. Illi ricentament l-istess minuri beda wkoll jirrisjedi mal-familja tal-attur inkluz ommu ossia n-nanna paterna RG u principjalment fir-residenza taì oht l-attur RG , stante l- fatt li l-istess MB bdiet sejra lura sew u traskurat mhux biss id-dar imma wkoll sahhitha u dik tal-minuri.

5. Illi matul dan il-perjodu l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jirregola din l-anomija fic-certifikat tat-twelid tal-minuri ghad li sab resistenza u nuqqas taì kooperazzjoni minghand l-istess omm MB , sa ma per sfortuna l-istess B giet nieqsa u nstabet mejta fir-residenza taghha nhar is-sitta taì Jannar tas-sena kurrenti (06.01.2023) bìdan illi l-minuri sitwazzjoni fejn ma kellu l-ebda genitur iehor rikonoxxut.

6. Illi per konsegwenza illum hemm pendenti proceduri fil-Qrati taì Minorenni fejn saru diversi talbiet mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan il-Fondazzjoni ghas-Servizzi Socjali matul liema proceduri l-istess direttur gie affidat bil-kura u l-kustodja tal-minuri liema kura giet ukoll ddelegata favur l-attur u l-istess ohtu RG permezz tad-dokument anness u mmarkat bhala DOK B filwaqt illi l-istess Qorti awtorizzat lil minuri jirrisjedi wkoll fir-residenza taz-zija paterna kif ser jirrizulta mill-prezentata tal-atti tal-procedura msemmija fi stadju ulterjuri ta din l-kawza.

7. Illi fì dan l-istadju l-esponenti, ma setax jipprocedi permezz tal-procedura komtemplata fl-artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta stante li giet nieqsa l-omm ricentament.

8. Illi l-attur ghandu kull interess illi jirregistra l-wild bhala wiehed naturali tieghu u jkompli jipprovdi ghal ibnu tul hajtu ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghaldaqstant l-attur ghar-ragunijiet hawn taht premessi jitlob revertement illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddecidi u tiddikjara li l-minuri RJB l-wild naturali tal-attur MG billi jekk ikun il-kaz tinnomina espert mediku sabiex isiru testijiet genetici appoziti sabiex tigi stabbilita bìcertezza l-paternitaì tal-minuri.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri RJB numru tal-iskrizzjoni elf sebaì mija u tlieta u tmienin tas-sena elfejn u sbatax (1783/2017) jaghmel is-sostituzzjoni mehtiega billi

fejn fl-att hemm referenza ghall konnotati taì missier t-tarbija il-kliem *unknown parent* jigu sostitwiti bil-konnotati tal-attur.

3. Tordna illi fl-ahjar interess tal-minuri essendo l-esponent huwa l-uniku genitur tal-minuri l-istess minuri jiehu l-kunjom tal-attur ossia G .

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku sabiex wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termnini tat-talbiet precedenti, huwa johrog att t-twelid iehor hekk kif korrett.

5. Taghti kwalukwe ordni ohra meqjusa jew opportuna fic-cirkostanzi.

Il-Qorti,

Rat ir-Risposta guramentata tad-Direttur Tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminajarament ghandu jigi rilevat illi l-minuri RJB (minn issa íl quddiem msejjah il-minuri) kif ukoll l-omm ossia MB , ghandhom jigu kjamati fil-kawza, fil-kaz tat-tifel tramite kuraturi deputati u fil-kaz tal-omm fikaz li jirrizulta li hija mejta kif eccepit fir-rikors promotur, tramite l-eredi taghha.

2.Illi maghdud mas-suespost ghandha tigi prezentata prova li l-omm hija fil-fatt mejta.

3.Illi preliminarjament ukoll minkejja li l-esponenti jiehu nota taì dak eccepit fir-rikors promutur ossia illi ma pprocedietx bl-ittra ufficjali a tenur tal-

Artikolu 86 tal-Kap 16 stante illi l-genituri li wiled ossia l-omm hija mejta l-artikolu nnifsu jispecifika illi fi cirkostanzi bhal dawk prezenti tali talba kellha issir fil-konfront tal-eredi.

4. Illi r-rikorrenti ipprezentat biss estratt tal-atti tat-twelid tal-minuri, liema certifikat ma jindikax it-tibdil ezatt li jkun irid isir fl-Atti tat-Twelid kemm -il darba t-talbiet rikorrenti jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk ghal kull buon fini l-esponent qed jipprezenta kopja tat-twelid bìnumru progressiv 1783/2017 u dan bìmod shih, anness u mmarkat DOK DRP 1.

5. Illi fil-mertu u bìreferenza partikolari ghall-paternitaì tal-minuri, l-esponenti jissottometti illi mhux edott mill-fatti li gew iddikjarati mir-rikorrenti fir-rikors promotur u ghaldaqstant qieghed jirrimetti ruhu ghar-rizultat processwali ghas-savju gudizzju taì din l-Onorabbli Qorti salv dak li gej.

6. Illi skond l-att tat-twelid tal-minuri bínumru progressiv 1783/2017 anness mar-rikors promotur bhala DOK A l-minuri twieled gewwa Malta fil-15 taì Marzu 2017 lil MB (illum allegatament nieqsa) u *unknown father* u dan skont d-dikjarazzjoni li ghamlet l-istess omm kif indikat fl-att tat-twelid innifsu. Ghalhekk certament ma jistax jinghad li sar xi nuqqas di parti tal-esponent.

7. Illi bìreferenza specifika ghall-ewwel talba l-esponent jirrimetti ruhu ghas-savju superjuri taì din l-Onorabbli Qorti kemm il- darba tkun sodisfatta illi l-attur huwa verament il-missier naturali u bijologiku tal-minuri.

8. Illi kemm-il darba tintlaqa l-ewwel talba u bìreferenza ghat-tieni talba, l-esponent jirrimetti ruhu salv li l-attur ghandu permezz taì nota guramentata li tigi ntavolata fl-atti taì din il-kawza jindika d-dettalji tieghu fil-mument tat-twelid tal-minuri liema dettalji ghandhom jinkludu l-isem u l-kunjom in-numru tal-karta tal-identitaì tieghu, l-etaì tieghu meta twieled il-minuri, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu meta twieled minuri u isem u kunjom missieru (cioe ín-nannu patern) u jekk dak kienx haj jew mejjet meta twieled il-minuri.

9. Illi bì referenza ghat-tielet talba l-esponent jissottometti illi kaz li jintlaqghu t-talbiet tal-attur minn din l-Onorabbli Qorti l-partijiet ghandhom jiddeciedu bìmod definitiv liema kunjom sejjer jassumi l-minuri. Tali decizjoni mehuda ghandha tkun dejjem fl-ahjar interess tal-minuri.

10. Illi fir-rigward tar-rabaì talba, l-esponenti jirrimetti ruhu salv illi sabiex jinhareg attt tat-twelid iehor kif korrett, ghandhom jithallsu d-drittijiet elenkati fit-Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta.

11. Illi fir-rigward tal-hames talba attrici l-esponent jirrimetti ruhu.

12. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal-esponent u ghalhekk huwa mìghandux jigi assoggettat ghal-ispejjez.

13. Salv eccezzjonjiet ulterjuri kif u meta permessi skont il-ligi.

**Rat in- nota tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal fi hdan il-Fondazzjoni ghas-Servizzi Socjali fejn iddikjara:-**

Illi permezz tal-prezenti nota tad-Direttorat esponenti ma jsibx oggezzjoni ghat-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur u jaqbel mal-istess talbiet sabiex tigi stabbilitaì l-paternitaì tal-minuri RJB .

Illi ghad-direttur kien id-Direttorat esponenti nnifsu li rakkomanda lill-missier *qua* rikkorrenti sabiex jintavola il-proceduri taì paternitaì u dan dejjem fl-aqwa interess tal-miuri in kwistjoni.

Bìdan l-istess Direttorat ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza odjerna stante li l-azzjoni tar-rikorrenti missier mhijiex attribwita ghal xi ghemil jew nuqqas tal-istess Direttorat Esponenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat it-test tad-DNA.

**<u>FATTI</u>**

L-attur kellu relazzjoni maì MB li kienet bdiet fis-sena 2012, minn liema relazzjoni kien twieled il-minuri RJB li llum ghandu sitt snin.

Jispjega li ghalkemm kellhom relazzjoni stabbli tul dan iz-zmien, B kellha l-vizzju tax-xorb u kien jipprova jghinha sabiex tmur riabilitazzjoni. Kienet tpejjep bìmod eccessiv hafna ukoll. Kien biss meta harget tqila li kienet waqfet ghall-perjodu, izda malli twieled il-minuri kienet regghet qabbdet l-istess vizzji.Minhabba fihekk ir-relazzjoni taghhom ma baqghetx l-istess u marret ghall-aghar.

B irrifjutat li l-attur jitnizzel bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid. Hedditu li jekk kien ser jibqaì jinsisti sabiex jitnizzlu d-dettalji tieghu fuq l-istess certifikat kienet ser titlaq bit-tifel.

Sabiex izomm kontroll fuq B  u jiehu hsieb li t-tifel qed jitrabba sew, kien halla lil B  tghix mat-tifel fiwahda mill-proprjetajiet tal-familja tieghu u bìhekk setaì jmur jarah meta jrid. Sadanittant jishaq li kien involut fit-trobbija tal-istess minuri u sahanistra kien prezenti ghall-Maghmudija.[1]

Kien anke jaghmel ix-xiri hu u anke jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma.

Jghid li kien jikkontrolla kemm jaghtiha flus minhabba l-vizzji li kellha.

Kien minn Mejju 2022 li l-affarijiet bdew jinbidlu u dan kien li t-tifel beda jimrad taì spiss u kien ikollu problemi fisidru. Irrizulta li skond  it-tobba kien qed jigi espost wisq ghad-dhahen tat-tipjip taì ommu.

Kellhom jiehdu decizjoni li l-minuri jmur ighix maì omm l-attur M R G  li kienet toqghod fl-istess triq u kien jizgura li l-minuri jmur jara lil ommu kuljum.

Jispjega li fis-6 taì Jannar, 2023, kien sab lil B  mejta d-dar u kienet infethet inkjesta fuq dan il-mewt.

Wara l-mewt taì omm il-minuri, ghalhekk, kien hemm problema ghaliex gie fisitwazzjoni fejn ma kellu ebda genitur iehor iddikjarat fuq ic-certifikat tat-twelid.

Ftit qabel il-mewt taì omm il-minuri, kienu involvew ruhhom fil-kaz id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal u kien baqaì in kuntatt maghhom flimkien maì ohtu R u mxew id fiid tul il-process tal-*care order*. Illum hemm *care plan* li jaqbel mieghu u wiehed mill-punti kien li tinfetah dina l-kawza.

[1] Dok. MG1 anness mal-affidavit tal-attur.

**RG** , oht l-attur tikkonferma l-verzjoni tiegħu u żżid tgħid li mill-ewwel granet taì ħajjtu, it-tifel minuri kien ikun magħhom ħafna u trabba prattikament fid-dar tìommha.

Tikkonferma li B  irrifjutat bil-qawwa li l-attur jirrikonoxxi lil ibnu u għalkemm kienet taf li din ma kinitx ħaġa ġusta ma riditx tindaħal sabiex ma taqlax inkwiet bejniethom u ċċaħħadhom milli jaraw lill-minuri.

Wara l-mewt taì omm il-minuri tikkonferma li R,   kompla jgħix magħhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fìkawżi taì paternitaì l-fatti li jindikaw li l-minuri huwa bin l-attur huma indikazzjoni li huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-istess minuri. L-attur kien dejjem preżenti fìħajjet it-tifel u kien jirrisjedu mìommu fil-proprjetaì tal-familja tal-attur. Oht l-attur  RG  , ikkorroborrat il-verżjoni tal-attur li t-tifel minuri R minn ċkunitu trabba mal-familja tagħhom.

Madanakollu, l-ġurisprudenza nostrana dejjem emfasizzat li dawn il-fatti jissaħħu u jġibu iktar ċertezza jekk it-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi jikkonfermaw din il-paternitaì.

Il-Qorti għalhekk segwit dina l-prassi u nnominat lil Dr. Chris Farrugia li ppreżenta r-rapport tat-testijiet tad-DNA fejn gie kkonfermat li t-testijiet ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri R .

Inoltre, fir-Risposta tagħha, id-Direttorat għall-Ħarsien tat-tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi Soċjali jikkonferma t-talbiet tal-attur, kif ukoll

jammetti li kien id-Direttorat stess li rrakkomanda lill-attur sabiex jiftah dina l-kawza taì paternitaì u dan dejjem fl-aqwa interess tal-minuri.

Tenut kont taì dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, u in linea mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta, il-Qorti sejra tilqaì t-talbiet tal-attur. Ghalkemm proceduralment setaì kien jkun aktar korrett li jigu kjamati in kawza l-eredi taì MB ghall-kompletezza tal-gudizzju, din il-kawza hija semplicement wahda dikjaratorja taì paternitaì, fejn dan l-istat taì fatt gie determinat bìezami xjentifiku li huwa inekwivokabbli. Huwa ghalhekk li l-Qorti hi tal-fehma illi ghandha taghti sentenza fìdin il-kawza, fl-interess suprem tal-istess minuri.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqtaì u tiddeciedi billi tilqaì t-talbiet attrici kif dedotti u tikkonferma li l-minuri ghandu jgib il-kunjom î G.ï

1. Tiddecidi u tiddikjara li l-minuri RJB l-wild naturali tal-attur MG .

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri RJB numru tal-iskrizzjoni elf sebaì mija u tlieta u tmienin tas-sena elfejn u sbatax (1783/2017) jaghmel is-sostituzzjoni mehtiega billi fejn fl-att hemm referenza ghall konnotati taì missier t-tarbija il-kliem *unknown parent* jigu sostitwiti bil-konnotati tal-attur.

3. Tordna illi fl-ahjar interess tal-minuri essendo l-esponent huwa l-uniku genitur tal-minuri l-istess minuri jiehu l-kunjom tal-attur ossia G .

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur Tar-Registru Pubbliku sabiex wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termnini tat-talbiet precedenti, huwa johrog att t-twelid iehor hekk kif korrett.

5. Tordna lill-attur sabiex, sa mhux aktar tard minn xahar millum, jindika l-konnotati personali kollha tieghu permezz taì nota fidawn l-atti. Li ghandha tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.

**<u>Onor. Imhallef Anthony J. Vella                    Registratur</u>**